**Lejlet Ħadd il-Palm**

Qed inħoss għall-kwiet il-miġegħma
Li qed taħseb biex għada tmur ħdejh,
Biex tilqgħu ta' Sultan kif jixraq
U tieħu l-barka minn dawk idejh.

Qed narahom sa minn kmieni jħejju
Għax għada se jidħol bl-aqwa sebħ,
Is-Sultan veru f'Ġerusalemm
Alla li ismu hu fidwa w rebħ.

Sistu ħa nħejjulu bil-għaqal
Kemm tabilħaqq jixraqlu t-tifħir,
Arahom it-tfal diġà joħolmu
Li se jilqgħu fosthom Sultan kbir.

U t-trabi bin-nisa ferħana
Id-daħla tiegħu hu ferħ bla qjies,
Għaliex hu l-ħalib safi w b'saħħtu
Jaf biss iħobb u jfejjaq lin-nies.

Liema libsa Ġesù qed togħġbok
Ħalli nlesthielek għal għada,
Biex quddiem dawk in-nies tkun tidher
Is-Sid ħelu li jnissel ragħda.

Mhux ta' qilla inkella biża'
Iżda ta' mħabba li ma tgħaddix,
Ejja Ġesù, aħsiblu, lesti,
Qabel it-toroq jimtlew issemmix.

Insellimlek Ġesù: Hosanna
Qiegħed ngħidlek minn qalbi: "Għinna",
Kemm għandna bżonn il-grazzja tiegħek
Ma' dit-talba ngħidlek: "Ifdina".

Il-fidwa tiegħek ħelwa manna
O kemm timliena b'faraġ is-sliem,
Għax hi l-fidwa hekk ġewwenija
Li tibda' hawn w tissokta bla tmiem.

Int li tagħraf x'hemm f'qalb moħbija
Issokta isma' 'l-fqajjar talbi,
Ħaġa ngħidlek għal għada: x'ħin tkun
Riekeb il-ħmar iftaħli qalbi.

Patri Mario Attard OFM Cap

11 t’April 2025

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.